Nru. 18,241
Prezz/Price
€4.47 (Lm1.92)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Mejju, 2008
Friday, 2nd May, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2008 Nru. IV

Anno Domini 2008 No. IV

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Edward Fenech Adami
President

BILLI hemm ipprovdut fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 75 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi l-Kamra tad-Deputati għandha tiltaqa' mhux aktar tard minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali ta' xi elezzjoni ġenerali mill-Kummissjoni Elettorali f'ġurnata stabbilita mill-President;

U BILLI r-riżultat uffiċjali ta' l-elezzjoni ġenerali, miżmuma fit-8 ta' Marzu, 2008, ġie ppubblikat mill-Kummissjoni Elettorali fis-17 ta' Marzu, 2008;

U BILLI hemm ipprovdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 75 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li kull sessjoni tal-Parlament għandha tibda f'dak iż-żmien illi l-President jista' jistabbilixxi bi proklama, u għandha tinżamm f'dak il-post jew postijiet illi l-President, bi proklama, jew il-Kamra tad-Deputati b'kull mod li jidhrilha xieraq, jistgħu minn żmien għal żmien jistabbilixxu;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, EDWARD FENECH ADAMI, PRESIDENT TA' MALTA, QIEGĦED B'DIN NISTABBILIXXI l-10 ta' Mejju, 2008, fil-10.45 a.m. bħala l-ġurnata u l-ħin meta l-Kamra għandha tiltaqa' u għandha tibda sessjoni tal-Parlament, u s-Sala tal-Kamra fil-Palazz, Valletta, bħala l-post li fih għandha tinżamm dik is-sessjoni.

Magħmula fil-Palazz tal-Belt Valletta, illum, 2 ta' Mejju, 2008.

B'Awtorità,

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) Edward Fenech Adami
President

WHEREAS it is provided by subsection (3) of section 75 of the Constitution of Malta that the House of Representatives shall meet not later than two months after the publication of the official result of any general election by the Electoral Commission on a day appointed by the the President;

And whereas the official result of the general election held on the 8th day of March, 2008, was published by the Electoral Commission on the 17th day of March, 2008;

And whereas it is provided by subsection (1) of section 75 of the Constitution of Malta that each session of Parliament shall commence at such time as the President may, by proclamation appoint and shall be held at such place or places as the President, by proclamation, or as the House of Representatives in any manner it may deem appropriate, may from time to time appoint;

NOW THEREFORE, I, EDWARD FENECH ADAMI, PRESIDENT OF MALTA, DO HEREBY APPOINT the 10th day of May, 2008 at 10.45 a.m. to be the day and the time when the House shall meet and a session of Parliament shall commence, and the Hall of the House in the Palace, Valletta, to be the place where such session shall be held.

Made at the Palace, Valletta, this 2nd day of May, 2008.

By Authority,

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 362

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' Mejju, 2008
(File No. L703/87/II)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-11 ta' Mejju, 1989, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Mejju, 1989 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 302, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Kalkara:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 105 metri kwadri, li tmiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sinjura Maria Teresa Caruana Gatto u oħrajn u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. 256/87/A/2, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

Il-25 ta' April, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 362

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd May, 2008

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta dated 11th May, 1989, published in the Government Gazette dated 19th May, 1989, under Government Notice No. 302, the President of Malta declared that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Kalkara:-

1. A plot of land measuring about 105 square metres, bounded on the South West and North East by property of Mrs Maria Teresa Caruana Gatto and others and on the South East by Government property.

The abovementioned land is shown marked in red on plan L.D. 256/87/A/2, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

25th April, 2008

Nru. 363

ELEZZJONI KAŻWALI 2008 – PIETÀ

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fit-28 jum ta' April, 2008, biex jimtela l-post li tbattal minn Attard Santo Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skond il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 363

CASUAL ELECTION 2008 – PIETÀ

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 28th day of April, 2008, to fill the seat vacated by Attard Santo, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett / *Number of votes in Parcel* } **341**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti / *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **171**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
MALTA LABOUR PARTY	
BONNICI NAZZARENO	330
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	11
Total *Total*	341

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi BONNICI NAZZARENO ġie kif mistħoqq elett Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum it-28 jum ta' April, 2008
Dated this 28th day of April, 2008

EDWARD R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

J.M. BUTTIGIEG M. CALLUS H. DISTEFANO S. FENECH
V. GANADO S. SANT T. SULTANA R. ZAMMIT

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 364

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat in-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dott. George sive Jurgen Galea, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mis-6 ta' Mejju, 2008 sas-16 ta' Mejju, 2008.

CHRISTINE MICALLEF
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Id-29 ta' April, 2008

No. 364

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr George sive Jurgen Galea, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 6th May, 2008 till the 16th May, 2008.

CHRISTINE MICALLEF
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

29th April, 2008

Nru. 365

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat in-Nutar Dott. Naomi Micallef Mugliette, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Clinton Bellizzi, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit-2 ta' Mejju, 2008 sal-10 ta' Mejju, 2008.

CHRISTINE MICALLEF
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Id-29 ta' April, 2008

No. 365

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Naomi Micallef Mugliette, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Dr Clinton Bellizzi, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 2nd May, 2008 till the 10th May, 2008.

CHRISTINE MICALLEF
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

29th April, 2008

Nru. 366

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili b'digriet

No. 366

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts

tagħha tad-29 ta' April 2008 nnominat lin-Nutar Dott. Timothy Ellis bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler, u dan sakemm dan ta' l-aħħar ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-21 ta' April, 2008 sal-24 ta' April, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Id-29 ta' April, 2008

by means of a decree dated 29th April 2008, has appointed Notary Dr Timothy Ellis to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Peter Fleri-Soler, during the latter's absence from these Islands from the 21st April, 2008 till the 24th April, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

29th April, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Houseman* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Houseman* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Is-salarju ta' *Houseman* ikun ta' €15,074 (Lm6,471.27) fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €447.17 (Lm191.97) sa massimu ta' €17,757 (Lm7,623.08) (Skala ta' Salarju Nru. 9).

3.1. Il-ħatra ta' *Houseman* tkun fuq bażi ta' kuntratt ta' sentejn, bi prova għal sena u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun trid taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty.*

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tkun trid tgħin fl-għotja ta' kura tas-saħħa fl-isptarijiet u f'*health care settings* varji tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

5. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Houseman in the Health Division in the Ministry for Social Policy

The Public Service Commission invites applications for the posts of Houseman in the Health Division.

2. The salary for the post of Houseman is €15,074 (Lm6,471.27) per annum rising by annual increments of €447.17 (Lm191.97) up to a maximum of €17,757 (Lm7,623.08) (Salary Scale No. 9).

3.1. The appointment of a Houseman shall be on the basis of a two-year contract, subject to a probationary period of one year and subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be required to assist in the delivery of health care in the hospitals and various health care settings of the Health Division.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta; or

citizens of another European Union Member State; or

citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the

għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

u jkollhom isimhom imniżżel fil-lista tar-reġistrazzjoni proviżorja miżmuma mill-Kunsill Mediku ta' Malta skond Artikolu 11 sub-artikolu 3 tal-Health Care Professions Act Cap. 464;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi li mhumiex inklużi taħt paragrafu 5a(i), hawn fuq u li jkollhom isimhom inkluż fir-reġistru miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta għal perjodu ta' sentejn skond Artiklu 11 sub-artikolu 2 tal-Health Care Professions Act Cap. 464.

Il-ħatra ta' kandidati li m'humiex ċittadini ta' Malta hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija jew bil-Lingwa Ingliża.

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li ma jkollhomx xi reġistrazzjoni msemmija f'paragrafu 5(a) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija reġistrazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2008 u bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(b) u 5(ċ). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija reġistrazzjoni qabel ma jingħataw il-ħatra.

6.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista ta' l-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skond paragrafu 5 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm

countries to which EU provisions apply);

and have their name entered in the list of provisional registration kept by the Medical Council of Malta in terms of Article 11 sub-article 3 of the Health Care Professions Act Cap. 464;

OR

(ii) be citizens of countries not included in paragraph 5a (i) above and whose name is included in the register kept by the Medical Council of Malta for a period of two years in terms of Article 11 sub-article 2 of the Health Care Professions Act Cap. 464.

The appointment of candidates who are not citizens of Malta would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese or English languages.

c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of any of the registrations mentioned in paragraph 5(a) above provided they produce evidence that they would qualify for such registration by 15 October 2008 and provided they satisfy the requirements in paragraphs 5(b) and 5(c). If selected, such candidates must obtain the said registration before appointment.

6.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 5 has been exhausted, provided vacancies are available.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of

qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Mejju, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Basic Specialist Trainee*
fid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija
fid-Diviżjoni tas-Saħħa
fil-Ministeru tal-Politika Soċjali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' *Basic Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-Ostetriċja u Ġinekoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Basic Specialist Trainee* għandu salarju ta' €16,050 (Lm6,890.27) fis-sena li jiżdied b'€486.83 (Lm209) fis-sena sa massimu ta' €18,971 (Lm8,144.25) (Skala ta' Salarju Nru. 8).

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. Application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 23rd May 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 23rd May 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

2nd May, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Basic Specialist Trainee in the
Department of Obstetrics and Gynaecology
in the Health Division
in the Ministry for Social Policy

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified Medical Practitioners for the posts of Basic Specialist Trainee in the Department of Obstetrics and Gynaecology in the Health Division.

2. The post of Basic Specialist Trainee carries a salary of €16,050 (Lm6,m890.27) per annum rising by annual increments of €486.83 (Lm209) up to a maximum of €18,971 (Lm8,144.25) (Salary Scale No. 8).

3.1. Il-ħatra ta' *Basic Specialist Trainee* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna maħtura tidħol f'programm strutturat ta' taħriġ fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija, kif approvat mill-i*Specialist Accreditation Committee,* skond il-*Health Care Professions Act*. Dan it-taħriġ ikun taħt id-direzzjoni tal-koordinatur rispettiv tat-taħriġ u l-kumitat dipartimentali tat-taħriġ. Ikun hemm assessjar kontinwu u x-xogħol magħmul ikun mistħarreġ fl-aħħar ta' kull sena. It-taħriġ jitkompla skond jekk ikunx hemm rapporti sodisfaċenti mill-koordinatur tat-taħriġ u mill-kumitat dipartimentali tat-taħriġ. Waqt il-kuntratt, il-persuna fil-grad ta' *Basic Specialist trainee* trid tkun f'qagħda li toqgħod għall-eżami jew kwalifika oħra komparabbli xierqa kif imniżżel fil-programm approvat ta' taħriġ.

3.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tipprovdi servizz residenti *on call* skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty.* Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati. Erba' sigħat ta' *protected time* bil-ħlas ikun allokat għal taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalita' tiġi maħtura *Basic Specialist Trainee* 2 fuq bażi permanenti u taqla' salarju ta' €17,110 (Lm7,345.32) x €531 (Lm227.96) - €20,296 (Lm8,713.07) fis-sena (Skala ta' Salarju Nru. 7).Id-data tal-ħatra fil-grad ta' *Basic Specialist Trainee* 2 tkun id-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni.

5. Kandidati li ma jiksbux il-kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità jew is-*Certificate of Completion of Basic Specialist Training* kif ċertifikat mill-i*Specialist Accreditation Committee* waqt il-perjodu tal-kuntratt iżommu l-grad sustantiv tagħhom fi skala ta' Salarju Nru. 8, iżda jistgħu jintbagħtu jaħdmu x'imkien ieħor mid-Diviżjoni tas-Saħħa bħala *medical officers in staff grade*.

3.1. The appointment of a Basic Specialist Trainee shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and it involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will enter into a structured training programme in Obstetrics and Gynaecology, as approved by the Specialist Accreditation Committee, according to the Health Care Professions Act. This training shall be under the direction of the respective co-ordinator of training and departmental training committee. There shall be continuous assessment and a yearly review of performance. Continued training will depend on satisfactory reports by the co-ordinator of training and the departmental training committee. During his/her contract the Basic Specialist Trainee should be in a position to sit for any examination, or other appropriate comparable qualification as prescribed in the approved training programme.

3.3. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays. Four hours per week paid protected time will be allocated for postgraduate training purposes.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be appointed Basic Specialist Trainee 2 on a permanent basis and shall be placed on a salary of €17,110 (Lm7345.32 x €531 (Lm227.96) - €20,296 (Lm8,713.07) per annum (Salary Scale No. 7). The date of appointment to the grade of Basic Specialist Trainee 2 shall be the date of publication of the result of the approved postgraduate qualification.

5. Candidates who fail to obtain the approved postgraduate qualification in the speciality or the Certificate of Completion of Basic Specialist Training as certified by the Specialist Accreditation Committee during the contract period will retain their substantive grade at salary scale no. 8, however they may be redeployed by the Health division as "Medical officers in staff grade"

6. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

7.1. Il-post ta' *Basic Specialist Trainee* huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fl-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

7.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment ta' l-Ostetriċja u Ġinekoloġija fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Hi tkun taħdem il-ħin kollu taħt is-superviżjoni tas-superjuri tagħha u tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti.

7.3. Il-persuna nominata tkun mistennija li żżomm ruħha aġġornata ma' l-iżviluppi kurrenti fil-qasam ta' l-Ostetriċja u Ġinekoloġija u li tieħu sehem f'laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni li jsiru hawn Malta u barra minn Malta.

7.4. Il-persuna nominata tingħata l-għajnuna kollha biex tkompli fil-karriera tagħha skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi tkun mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet akkademiċi tad-Dipartiment ta' l-Ostetriċja u Ġinekoloġija.

7.5. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

8. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq,

6. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that :

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

7.1. The post of Basic Specialist Trainee is suitable for candidates wishing to pursue a career in Obstetrics and Gynaecology.

7.2. The appointee will be required to work in the Department of Obstetrics and Gynaecology in the Health Division. He/She will work at all times under the supervision of his/her seniors and will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients.

7.3. The appointee will be expected to keep abreast with the current developments in the field of Obstetrics and Gynaecology and participate in post-graduate meetings locally and abroad.

7.4. The appointee will be given all help to further his/her career within the exigencies of the service. He/She will be required to participate in the academic activities of the Department of Obstetrics and Gynaecology.

7.5. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

8. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above,

sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u/jew bil-Lingwa Ingliża. It-tobba li ma jkunux profiċjenti fil-Malti jkunu meħtieġa li jipprovdu evidenza ta' profiċjenza bażika fil-lingwa Maltija qabel ma jiġu kkonfermati fil-ħatra.

ċ) ikollhom reġistrazzjoni sħiħa mal-Kunsill Mediku ta' Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

9.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:

(a) kandidati li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija reġistrazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2008 u bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 8(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija reġistrazzjoni qabel ma jingħataw il-ħatra.

(b) kandidati li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni msemmija f'paragrafu 8(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija reġistrazzjoni sal-15 ta' Ottubru 2009 u bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 8(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija reġistrazzjoni qabel ma jingħataw il-ħatra. Minbarra dan dawn il-kandidati jinħatru *Basic Specialist Trainees* biss jekk ikunu ħadmu bħala *Housemen* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għall-perjodu kontinwu minn Lulju 2008 sakemm jieħdu l-ħatra.

9.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista ta' l-

provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and/or English Languages. Doctors not proficient in Maltese will be required to provide evidence of basic proficiency in the Maltese language before confirmation of appointment.

c) be in possession of full registration with the Medical Council of Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

9.1. Applications will also be considered from:

(a) candidates who are not in possession of the registration mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such registration by 15 October 2008 and provided they satisfy the requirements in paragraphs 8(a), (b) and (d). If selected, such candidates must obtain the said registration before appointment.

(b) candidates who are not in possession of the registration mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such registration by 15 October 2009 and provided they satisfy the requirements in paragraphs 8(a), (b) and (d). If selected, such candidates must obtain the said registration before appointment. Moreover such candidates will only be appointed Basic Specialist Trainees so long as they have been serving as Housemen in the Malta Public Service for a continuous period starting from July 2008 until their appointment.

9.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful

applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skond paragrafu 8 dejjem jekk ikun għad baqa postijiet vakanti. F'każ li jkun hemm bżonn li tiġi determinata l-ordni tal-mertu ta' l-applikanti taħt paragrafu 9.1. (a) u paragrafu 9.1. (b), tingħata preferenza lill-applikanti taħt paragrafu 9.1. (a).

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap.413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

11.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

11.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

applicants under paragraph 8 has been exhausted, provided vacancies are available. In determining the order of merit of successful applicants under paragraph 9.1. (a) and paragraph 9.1. (b), those applying under paragraph 9.1. (a) shall be given preference.

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap.413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

11.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

11.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

